**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 864/2023DC**

**F'l-atti taċ-Ċedola Numru 1293/2023**

**F'l-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 896/2023 f'l-ismijiet:**

***Avukat Dr Marlon Borg (K.I. 304189M)***
***bħala mandatarju speċjali ta'***
***Stefan Poschl***
***detentur tal-passaport Awstrijak P6473730***

***vs***

***N1 Interactive Limited (C-54266)***

## DEGRIET KAMERALI

Illum, 20 ta' Novembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors[1] tas-soċjeta N1 Interactive Limited[2] preżentat fis-7 ta' Awwissu 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:

> *Sabiex ai termini tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012 tordna s-sospenzjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekw eżekuttiv bin-numru ta' referenza 896/2023 fl-ismijiet premessi billi tordna li ma jsir ebda ġbid jew żbank ta' flejjes depożitati jew li għad iridu jiġu depozitat sekwestratarji u billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet ta s-soċjeta rikorrenti u dan*

[1] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-rikors odjern".
[2] Ai fini ta' dan id-degriiet imsejħa "is-soċjeta rikorrenti".

*sakemm ma tinqata' b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża li hemm miftuħa bejn il-partijiet.*

Rat id-digriet mgħoti fil-21 ta' Awwissu 2023 permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien gimgħa għar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dr Marlon Borg bħala mandatarju ta' Stefan Poschl[3], risposta preżentata fis-27 ta' Settembru 2023, permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi oppona t-talba.

Rat l-atti tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Permezz ta' sentenza mgħotija f'l-10 ta' Awwissu 2022 mill-qrati ċivili gewwa l-Awstrija[4] is-soċjeta rikorrenti ġiet iddikarata debitriċi ta'l-intimat u ġiet ikkundannata tħallas l-ammonti hemm indikati.
- Permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fit-8 ta' Mejju 2023 l-intimat interpella lis-soċjeta rikorrenti biex tħallas l-ammonti dovuta iżda jidher li l-ħlas ma sarx.
- Fis-26 ta' Mejju 2023 l-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta rikorrenti, mandat numru 896/23 għall-kreditu kanoniżżat.
- Wara il-ħruġ ta' dan il-mandat xi flejjes ġew depożitati taħt l-awtorita tal-Qorti minn xi sekwestratarji.
- Fis-7 ta' Awwissu 2023 is-soċjeta rikorrenti preżentat rikors quddiem din il-Qorti permezz ta' liema qed titlob *inter alia* ir-rifjut ta' rikonoxximent u ta'l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija ai termini ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe r-Regolament (UE) 1215/2012[5].

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta rikorrenti tallega li qed tbgħati konsegwenzi f'l-operat tagħha bħala riżultat tal-mandat ta' sekwestru u qed tfittex rimedju proviżorju ai termini ta'l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament.

[3] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "l-intimat"
[4] Landesgericht fur Zivilrechtssachen.
[5] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

Illi l-intimat da parti tiegħu jikkontendi li l-fatt li s-soċjeta rikorrenti qed tbagħti konsegwenzi f'l-operat tagħha mhux raġuni valida biex l-effetti tal-mandat jiġu sospiżi. Aktar minn hekk jikkontendi li ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ħlif wara li tkun saret l-eżekuzzjoni.

Illi kif intqal l-talba odjerna hija waħda magħmula ai termini ta'l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament; dan jipprovdi hekk:

> *Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*
>
> *(a) ....; jew*
>
> *(b)....; jew*
>
> *(ċ) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

Illi permezz ta' proċeduri tentati kontestwalment is-soċjeta rikorrenti qed titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent tas-sentenza mgħotija fil-konfront tagħha mill-Qorti Awstrijaka fil-konfront tagħha. In suċċint f'dawk il-proċeduri jidher li s-soċjeta rikorrenti qed tikkontendi li l-Istat Malti għandu dritt joħloq l-istrateġija pubblika tiegħu, inkluż f'dak illi jirriwgarda r-regolazzjoni tal-industrija tal-logħob tal-azzard. Konsegwentement, u la darba l-istess soċjeta rikorrenti ingħatat, mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, liċenzja biex toffri servizzi għal-logħob tal-azzard anke lil persuni li jaċċessaw is-sit tagħha minn pajjiżi oħra, inkluż l-Awstrija, in osservanza tal-artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka jmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta.

Illi f'digriet mogħti fil-11 ta', Ottubru 2021 minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd*** intqal hekk fir-rigward:

> *17. Il-qorti tissokta billi tgħid li hija taqbel ... ... li ... ... m'għandhiex idejha marbuta dwar kif għandha tiddeċiedi talba ta' sospensjoni taħt l-artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012. Tassew, il-qorti hija ħielsa li taċċetta jew tiċħad it-talba għas-sospensjoni skont id-diskrezzjoni prudenti tagħha;*

*18. Kif insibu miktub fis-silta li tinsab f'paġna 431 tal-ktieb, The Brussels I Regulation Recast modifikat minn Andrew Dickinson u Eva Lein, liema silta ma ġietx riprodotta kolha kemm hi mill-mandatarja speċjali ta' Lotto Hessen GmbH, fir-raba' paragrafu tat-tweġiba tagħha:*

*«The wording of this provision ('may') indicates that the competent court has a discretion in granting these limitation and suspension 5 measures. Not only does invoking the grounds of refusal not automatically suspend enforcement proceedings, but also the court to which an application for suspension or limitation is made has a margin of appreciation to decide if there is sufficient reason to limit or suspend the enforcement proceedings, and to determine the scope and conditions of the appropriate suspension or limitation measure. A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgment.»*

*19. Minn din is-silta jirriżulta li xogħol il-qorti fi proċeduri dwar talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza huwa li tara żewġ affarijiet ewlenija: (i) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija; u (ii) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni.*

*20. Naturalment dwar l-ewwel element tal-probabilis causa litigandi, mhuwiex xogħol din il-qorti li tara jekk ir-rikorrent għandux raġun jattakka l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza. Li trid tara l-qorti f'dawn il-proċeduri ta' sospensjoni huwa biss jekk ir-rikorrent għandux raġunijiet li fihom wieħed x'jomgħod jew x'jixtarr;*

*21. Il-qorti minnufih għandha tiċħad it-talba għas-sospensjoni, jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru ċari biżżejjed li dawn saru biss biex itawlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza;*

> *22. Mill-banda l-oħra, il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddejjaq illi tilqa' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ir-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza jqanqlu fiha ħsibijiet ta' tħabbil il-moħħ. Dan jibqa' jgħodd anke jekk il-qorti jista' ġa jkollha l-fehmiet legali tagħha dwar kif imissha tinqata' l-kwistjoni. Wara kollox il-kejl li jrid jiġi użat hawnhekk huwa dak biss tal-probabilis causa litigandi u mhux tal-iusta causa litigandi;*

Illi eżaminati l-premessi li fuqhom hija bażata t-talba tas-soċjeta rikorrenti għar-rifjut ta' rikonoxximent tas-sentenza li l-intimat ottjena mill-qorti Awstrijaka l-Qorti, hija sodisfatta li intwera *probablis causa litigandi.* Aktar minn hekk, jidher il-preġudizzju li qed tilmenta minnu s-soċjeta rikorrenti huwa l-izbank ta' flejjes depożitati taħt l-awtorita tal-qorti bħala konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru, aktar milli d-depożitu ta'l-ammont kanoniżżat permezz tas-sentenza li r-rikonoxximent tagħha qed jiġi kontestat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi **tilqa' in parte t-talba** tas-soċjeta rikorrenti in kwantu qed tordna lis-sekwestratarji sabiex, wara illi jkun ġie depożitat taħt l-awtorita ta' din il-Qorti l-ammont kollu illi fuqu l-intimat għandu titolu eżekuttiv, jirrilaxxaw il-kontijiet tas-soċjeta' rikorrenti b'dan li hadd mill-kontendenti m'għandu jiżbanka ċedoli, li diġa saru jew li għad iridu jsiru in konformita ma' dan id-degriet, sakemm il-kawża numru 862/2023DC f'l-ismijiet *N1 Interactive Ltd vs Avukat Dr Marlon Boeg bħala mandatarju speċjali ta' Stefan Poschl detentur tal-passaport Awstijak P6473730* tinqata' b'mod definittiv.

Spejjez ta' dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.

Kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi notifikat elettronikament lil Dr Ana Thomas u Dr Marlon Borg.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**